MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 420/2010

**Claudio Sant**
**I.D. 194968 (M)**

**vs**

**Theresa Pintley**
**I.D.27065 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-ammont mitlub, u cioe' elfejn mittejn u hamsa u hamsin Ewro (€2,455) jirraprezenta kwantu ghal elf mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€1,125) arretrati ta' kera fuq il-fond gia mikri lill-konvenuta 39, Curate Bezzina Street, Mosta; elf u sittin Ewro (€1,060) kont tad-dawl u ilma fuq l-istess fond ghall-perjodu ta' l-istess okkupazzjoni tal-konvenuta; sebghin Ewro (€70) valur ta' licenzja; u mitejn Ewro (€200) valur biex tigi rimedjata l-hsara fuq molol ta' shutter

liema hsara giet kawzata fuq l-istess fond waqt l-okkupazzjoni tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap [12] tal-Ligijiet ta’ Malta li ggib in-numru *7346/09* datata 14 ta’ Dicembru, 2009 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficjali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepit illi l-ammonti mitluba minn l-attur ma humiex dovuti la fid-dritt u anqas fil-fatt, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-attur, u ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati minnu.

Ra l-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Lulju, 2011, tat-2 ta’ Novembru, 2011 u dak tal-5 ta’ Dicembru, 2011, liema seduti kienu intizi sabiex il-konvenuta tressaq il-provi taghha, izda hi naqset milli taghmel dan, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi mressqa.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti jirrizulta illi l-attur kien kera fond, ossia hanut zghir li jinsab il-Mosta, lill-konvenuta u dan versu l-pattijiet u kundizzonijiet kontenuti fl-iskrittura ta’ lokazzjoni li tinsab a fol. 26 tal-atti. Illi ghalkemm il-ftehim ta’ lokazzjoni kien ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin b’effett mill-1 ta’ Ottubru, 2008, jidher illi dan il-ftehim gie terminat madwar sena wara.

Illi in forza ta’ din l-azzjoni, l-attur qed jitlob hlas ta’ arretrati ta’ kera ghall-perjodu ta’ tliet (3) xhur fl-2009, u dan kif jirrizulta wkoll mill-kopja tal-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-konvenuta – debitament guramentata mill-istess attur – datata 14 ta’ Dicembru, 2009, a fol. 30 tal-atti. Illi oltre dan qed jintalab il-hlas ta’ konsum ta’ dawl u ilma fil-perjodu relattiv, liema ammont jirrizulta li huwa dovut mid-dokumenti li jinsabu a fol. 35 sa 37 tal-atti, filwaqt illi

jirrizulta li l-attur hallas dan l-ammont mir-ricevuti li jinsabu a fol. 33 u 34 tal-atti.

Illi qed jintalab inoltre l-hlas tas-somma ta’ sebghin Ewro (€70.00) rapprezentanti t-tigdid ta’ permess, ossia licenzja, sabiex jigi operat dan il-hanut. Illi mid-dokument a fol. 32 tal-atti jirrizulta illi sar hlas f’Dicembru 2009 ta’ din is-somma; madanakollu, in-numri ufficjali u isem tal-hanut huma differenti minn dawk rizultanti mill-iskrittura ta’ lokazzjoni, oltre l-fatt illi ghalkemm dan id-dokument jidher li huwa l-original u gie pprezentat mill-attur, ma jirrizultax minn min sar il-hlas (jirrizulta biss illi l-licenzjat huwa Claudio Sant, izda dan mhux necessarjament ifisser illi hallas hu), oltre illi ma jirrizultax sodisfacentement ghal-liema perjodu, ossia sena, sar dan il-hlas partikolari.

Illi fir-rigward tal-ammont l-iehor li qed jintalab mill-attur, u cioe’ l-ammont ta’ mitejn Ewro (€200) ghal xi molol tax-shutter, l-attur ipprezenta ricevuta li ma fihiex data, lanqas hemm specifikat minn min inharget, ghalkemm tnizzel isem l-attur u hemm isem iehor, certu “Anthony”, filwaqt illi hemm indikat illi inxtraw zewg “springs” u l-prezz, minghajr ma nghatat ebda informazzjoni ulterjuri.

Illi l-konvenuta, da parti taghha, ghalkemm ikkontestat il-kawza u ddikjarat illi l-ammonti mitluba m’humiex dovuti, naqset milli tressaq ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnha, u lanqas ma ressqet ebda provi sabiex tikkuntrarja u xxejjen dawk imressqa mill-attur. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi uhud mid-dokumenti mressqa mill-attur ma jindikawx sodisfacentement illi jittrattaw dwar il-fond mertu ta’ din il-kawza u l-perjodu lokatizzju in kwistjoni, u li huma relattivi ghal spejjez li garrab l-attur bhala konsegwenza diretta ta’ xi nuqqas tal-konvenuta fiz-zmien meta hi kienet tokkupa l-fond in kwistjoni; madanakollu, u fid-dawl tal-istqarrija guramentata li saret mill-attur li l-ammont minnu mitlub huwa dovut mill-konvenuta, u fl-assenza ta’ provi li jikkuntrarjaw dak li gie dikjarat mill-attur, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tal-attur fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija hamsa u hamsin Ewro (€ 2,455.00), bl-imghax kif mitluba, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------